MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Numru. 13/2004

Illum, 31 ta’ Ottubru, 2007

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Anthony Spiteri

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Anthony Spiteri, ta’ 50 sena, iben Anthony u Concetta nee’ Borg, imwieled Birkirkara fit-13 ta’ Lulju 1957 u li joqghod 89, Triq il-Vitorja, Birkirkara, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 489257(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(a) f' dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' qabel il-21 ta' Dicembru, 2000, bhala detentur jew amministratur ta' bini taht kostruzzjoni fi Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, b' diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kwantita' ta' ilma, ghad-dannu tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin w ammont, liema ammont ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 5 ta' Jannar, 2004, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 15 tal-process.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar 10 ta' Novembru, 2004 (*folio* 16 tal-process) *ai termini* ta' l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rizulta li fil-21 ta Dicembru 2000, ghall-habta tad-9.30am zewg impjegati tal-Water Services Corporation, u cioe' Emanuel Cumbo u Francis Spiteri, marru jaghmlu inspection f'bini taht kostruzzjoni, fi Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar u dan wara li sar rapport li minn dan il-bini seta' kien qed isir xi konsum illecitu tal-ilma tax-xorb. Meta l-imemmija zewg impejgati tal-Water Services Corporation waslu fuq il-post sabu bniedem ta' nazzjonalita' Sirjana Ouliawi Anwat li kellu karta tal-identita' numru 20949A li kien qed jaghmel xoghl ta' tibjid u kisi f'dan il-bir. Meta Emanuel Cumbo u Farancis Spiteri spezzjonaw is-servizz tal-ilma li kien diehel f'dan il-blokk bini taht kostruzzjoni huma ndunaw li dan kien imqabbad

direttament mal-main service li kien ghaddej minn taht il-bankina ta’ quddiem l-istess blokk, ma liema servizz ma kienx hemm meter tal-ilma ikkomunikat. Inoltre mal-main tal-ilma kien hemm stopclock li mieghu kien hemm imqabbad pipe tal-plastic twil li kien jibqa’ sejjer sal-ewwel sular tal-imsemmi blokk bini u fit-tarf tal-pipe kien hemm imwahhal vit tal-ilma li kien mixhut gewwa tank tal-45 gallun. Fil-hin li marru dawn iz-zewg impjegati tal-Water Services Corporatio il-vit kien miftuh u t-tank kien qed jintela’. L-espert tekniku Philip Zammit li gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti fl-atti tal-inkjesta magisterjali li l-process verbal taghha jinsab esebit *a folio* 22 tal-process u li n-nomina tieghu giet konfermata minn din il-Qorti fis-seduta tal-10 ta’ Novembru 2004 ikkonferma li l-ilma kollu li kien qed jigi kkunsmat minn dan is-servizz ma kienx qed jigi registrat  u li ghalhekk kien qed isir konsum illecitu tal-ilma tax-xorb.

Illi Ouilawi Anwar kemm meta xehed fl-atti tal-inkjesta magisterjali kif ukoll meta xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-3 ta’ Marzu 2005 spjega li meta saret l-ispezzjoni in kwistjoni huwa kien ilu jahdem fil-blokk ta’ bini taht kostruzzjoni ghal madwar hmistax il-gurrnata. Huwa qal li meta kien ser jibda jahdem huwa staqsa lil-propjetarju tal-blokk li kien inkarigah jaghmel ix-xoghlijiet ta’ tibjid u kisi, u cioe’ lil Anthony Spiteri li huwa gharfu bhala l-imputat prezenti fl-awla, minn fejn kien ser jiehu l-ilma li kellu bzonn ghall-kisi u sabiex jaghmel it-tahlita ghat-tikhil u dan Anthony Spiteri kien indikalu l-istopclock li kien hemm fuq il-bankina quddiem il-faccata tal-blokk bini u qallu sabiex iqabbad mieghu. Ouliawi Anwar qal ukoll li huwa xtara il-fittings necessarji u kkomunika ma dan is-servizz li kien ghaddej minn taht il-bankina. Dan ix-xhud qal li huwa kien jahli madwar hamsa u erbghin (45) gallun ilma kuljum tul iz-zmien li ghamel jahdem fuq il-post in kwisjtoni u qal ukoll li ma kienx jaf li dan l-ilma ma kienx qed jigi registrat fuq l-ebda meter u li assolutament ma kienx jaf li kien qed jaghmel konsum illecitu tal-ilma.

L-imputat Anthony Spiteri xehed fis-eduta tal-11 ta’ Lulju 2006 u qal li ghall-habta ta’ Dicembru tas-sena 2000 il-kumpanija tieghu Tal-Herba Company Limited kellha x-

taqsam mal-kostruzzjoni ta’ blokk bini fi Triq il-Gifen, il-Qawra u peress li huwa ried ilesti dan il-blokk malajr u kien inkariga persuna gharbija sabiex taghmel xoghol ta’ tibjid u kisi f’dan il-blokk u xi ftit taz-zmien wara kienu baghtu ghalih il-Pulizja (ghall-imputat) u infurmawh li din il-persuna Gharbija kienet qed tisraq l-ilma. L-impuat isostni li huwa ghamel madwar xahar ma jersaq fuq il-post u insista li huwa ghazel li jafda persuna li lanqas ismu ma kien jaf jaghmel ix-xoghol u hallih wahdu minghajr ma mar fuq il-post peress li dak iz-zmien kellhom hafna xoghlijiet ghadejjin f’daqqa u ghalhekk ma setax imur jara x’kien qed jaghmel dan il-bajjad. Hu qal ukoll li ma kellux ghalfejn japplika ghal meter tal-ilma f’dak l-istadju ta’ kostruzzjoni u spjega li huwa kien il-persuna responsabbli mill-bini ta’ dan il-blokk.

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta serq ta’ ilma ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-hin u bl-ammont, liema ammont ma jeccedix il-hames mitt lira maltija (LM 500.00). Minn ezami bir-reqqa tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni irrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien qed isir konsum illecitu tal-ilma fil-blokk bini taht kostruzzjoni fi triq il-Gifen, Qawra, San Pawl il-Bahar. Il-haddiem ta’ nazzjonalita’ Sirjana li nstab fuq il-post filwaqt li ammetta li kien hu li ghamel il-komunikazzjonijiet temporanji mas-servizz li kien ghaddej taht il-bankina, indika i kien is-sid tal-blokk li kien qabdu jaghmel ix-xoghol ta’ tibjid u kisi li kien hu li qallu sabiex jiehu l-ilma li kellu bzonn ghall-kisi mill-istopclock li kien hemm fuq il-bankina quddiem il-blokk.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz ta kosnum illecitu ta’ ilma jew kurrent elettriku l-Artikolu 264(2) tal-Kap.9 tal-Ligjiet ta’ Malta jitfa’ l-oneru tal-prova fuq is-sid jew detentur tal-fond minn fejn ikun qed isir tali konsum illecitu li jipprova li huwa ma kienx jaf bil-mezzi qarrieqa wzati sabiex isir tali konsum illecitu Fin-nuqqas ts’ tali prova is-sid jew detentur tal-fond huwa prezunt li kien jaf li kienu qed jintuzaw mezzi qarrieqa

sabiex jigi effetwat konsum illecitu ta’ ilma jew kurrent elettriku. Dan l-artikolu fil-fatt jghid is-egwenti:-

*Fil-kaz ta’ ksur ta’ kanni tas-servizz pubbliku ta’ l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta’ fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters taghhom, jew ta’ xi sigill ta’ xi meter, jew fil-kaz ta’ l-ezistenza ta’ mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista’, jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal -kwantità mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f’idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b’dan l-uzu jew konsum ta’ ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-kaz.*

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni pruvat li kien qed isir konsum illecitu tal-ilma fil-bini taht kostruzzjoni fi Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar, ippruvat ukoll li l-imputat kien is-sid jew detentur tal-bini in kwistjoni, huwa stess ex admissis jghid li l-bini kien propjeta’ tieghu jew ta’ kumpanija tieghu bl-isem ta’ Tal-Herba Company Limited u li huwa kien il-persuna responsabbli ghall-bini ta’ dan il-blokk. Permezz tax-xhieda ta’ Oulinawi Anwar il-Prosekuzzjoni pruvat ukoll li mhux talli l-imputat kien jaf bil-mezzi qarrieqa li kienu qed jintuzaw sabiex isir konsum illecitu tal-ilma ful-blokk bini taht kostruzzjoni izda kien hu stess li ta struzzjonijiet lil Oulianwi Anwar sabiex jiehu l-ilma li kellu bzonn b’dan il-mod. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li ma kienx jaf li kien qed isir konsum illegali u illecitu tal-ilma fil-blokk bini li itehgu huwa kien propjetarju u ghalhekk huwa qed jigi misjub hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Mix-xhieda ta’ Emanuel Cumbo (*a folio*. 46 tal-process) u mill-istima minnu mhejjija (*a folio*. 56 u 56) jirrizulta li l-valur tl-ilma lli gie misruq ghad-detriment tal-Water Services Corporation kien jammonta ghas-somma ta’ erbgha mija u ghaxar liri u wiehed u disghajn centezmu liri maltin (LM 410.91) filwaqt li l-istess Korporazzjoni inkorriet

is-somma ta' mija u ghaxar liri maltin (LM110.91) bhala spejjes sabiex saret l-ispezzjoni.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali relattivament netta tal-imputat u jidrilha li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A, 261, 263, 264 u 267 u 270 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmien (8) xhur sospiza ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar millum.

Tordna wkoll li ai termini tal-Artikolu 28H (1) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta l-imputat ihallas is-somma ta' hames mitt lira u tnax–il lira maltin u wiehed u erbghajn centezmu (LM512.41) lil Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma u dan sa zmien sitt xhur millum. Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat minn naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha. B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta' tlieta u sittin lira maltin u wiehed u sebghajn centezmi (LM63.71) li huma l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' l-esperti f'din il-kawza

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------